# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

## MAĠISTRAT
## DR. JOSEPH GATT LL.D.

### Udjenza ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Marzu 2025

**Avviż Nru: 56/2024**
**Nru fuq il-Lista: 2**

**Crosscraft Company Limited (C6078)**

**vs**

**Malta Furniture Limited (C81948)**

**Il-Qorti;**

Rat l-Avviż tas-soċjetà attriċi mressaq fis-6 ta' Marzu 2024[1], flimkien mad-dokumenti hemm annessi, fejn il-Qorti intalbet sabiex tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas:

> *is-somma ta' hames t'elef u mitt ewro, €5,100 oltre l-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament u l-ispejjez kollha tal-prezenti procedura u ohrajn attinenti u accesjori maghha, rapprezentanti ta' prodotti kkonsenjati lis-scojeta intimata Malta Furniture Limited jew klijenti tal-istess, kif debitament gew rikonoxxuti mill-istess firem ta' rapprezentanti*

[1] A fol 1 *et seq* tal-proċess.

*tal-istess socjeta intimata u jew klijenti tal-istess, u dan kif jirrizulta mill-invoices u dokumenti hawn annessi u mmarkati bhala 'Dokument A', kif ukoll "statement of account" hawn anness u mmarkat bhala 'Dokument B.'*

Rat id-digriet tagħha tat-12 ta' Marzu 2024[2].

Rat dak li seħħ fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 2024[3] fejn s-soċjetà konvenuta, għad li ġiet finalment debitament notifikata[4], naqset milli tressaq risposta jew tirreġistra dehra fil-proċeduri.

Semgħet ix-xhieda ta' Robert Farrugia Vella (direttur tas-soċjetà attriċi) mwettqa fis-seduta tal-21 ta' Frar 2025. Dakinhar il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti proċesswali kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi kif ġie indikat mill-*iter* proċesswali hawn fuq riprodott, is-soċjetà konvenuta għażlet li ma tweġibx formalment għal din l-azzjoni u lanqas tirreġistra dehra fihom.

Illi f'din l-azzjoni, s-soċjetà attriċi qiegħda titlob il-ħlas ta' ħamest elef u mitt Ewro (€5,100) bilanċ minn ammont dovut rigwardanti prodotti mibgħuta, aċċettati u mhux imħallsa.

---

[2] A fol 15 tal-proċess.
[3] A fol 33 tal-proċess.
[4] Bil-proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni.

Illi huwa aċċettat li l-oneru tal-prova dwar xi kreditu jibqa' dejjem fuq spallejn min jallega l-istess, u sakemm l-attur ma jippruvax li l-konvenut huwa d-debitur tiegħu, dan tal-aħħar ma jaħtix għal dan in-nuqqas[5]. Jekk l-attur mbagħad jipprova tali kreditu, l-piż tal-prova jdur fuq id-debitur sabiex jipprova xi ċirkostanzi jew difiżi li jista' jqanqal sabiex jinħeles mill-obbligazzjoni tal-kundanna tal-ħlas[6].

[5] Fost oħrajn, jiġi senjalat dak raġunat fis-sentenza fl-ismijiet **360 Retail Supplies Limited vs Maged Fawzy Shokry Iskandar *et,*** (Rik Nru: 1174/19/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-27 ta' April 2023, fejn fost affarijiet oħra ġie mfakkar hekk: *"Din il-Qorti tqis li, fl-ewwel lok, skont il-prinċipji tal-liġi dwar l-evidenza u dwar kif għandu jitqassam il-piż tal-provi, jaqa' fuq il-kreditur li jagħti prova tajba biżżejjed tal-eżistenza tal-kreditu li dwaru huwa jkun fetaħ il-kawża (ara Carmelo Zammit et v. Emanuele Galea et, Appell Superjuri, 27 ta' Frar, 2003 u Maria Stella Calleja v. Brian Degiorgio, Appell Superjuri, 17 ta' Marzu, 2022). Dan għaliex l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss lil min jallegah (ara l-Artikolu 562 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u għalhekk sakemm lattur ma jippruvax li l-konvenut huwa d-debitur tiegħu, il-piż tal-prova jibqa' mixħut fuq l-attur (ara Joseph Camilleri v. Emanuel Calleja, Appell Inferjuri, 20 ta' Jannar, 2003). Tassew, jekk l-attur ma jirnexxilux jipprova dak li jallega, il-konvenut m'għandux ibati minn dan in-nuqqas, u dan sewwasew skont il-prinċipju actore non probante reus absolvitur (ara Angelo Xuereb nomine v. Godwin Migneco et nomine, Appell Superjuri, 18 ta' Lulju, 2017);"* Hekk ukoll, għadu jgħodd dak li ntqal fis-sentenza ormai klassika fl-ismijiet **Manuel Zerafa vs Nazzareno Muscat Scerri,** (Ċit Nru: 538/69) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-27 ta' Mejju 1970 fejn ġie awtorevolment enunċjat hekk: "*bhala konsiderazzjoni legali dwar in-natura tal-oneru talprovi in materja ta' pagamenti ta' debiti civili l-Qorti tirritjeni li, ghalkemm kif dejjem gie ritenut, il-konvenut allegat debitur ghandu jipprova l-pagament li hu jallega, f'kaz ta' dubju ragjonevoli jekk l-ammont ghadux dovut jew le dan id-dubju ghandu dejjem imur favur il-konvenut ghax loneru tal-prova tad-debitu jibqa' fuq l-attur mill-bidu sa lahhar tal-kawza ghax hu jallega d-debitu u kulhadd ghandu jipprova l-allegazzjoni tieghu. U fil-kaz ta' konflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi inkombenti rispettivament lilhom, cioe' l-attur l-esigibilita' u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, in-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja tal-ewwel u jibqa dejjem jimpera lprincipju "actore non probante reus absolvitur". L-attur li jallega d-debitu ma jistax jiskarta l-oneru tieghu fuq il-prinċipju l-iehor "reus in excipiendo fit actor", ghax, jerga' jinghad, l-oneru centrali tal-akkuza jibqa' fuqu. Altrimenti f'kull kaz ta' konflitt ikun facli ghall-attur jirbah avolja l-Qorti tibqa' sospiza fi stat ta' dubju jekk hemmx debitu.* Hija t'interess ukoll is-sentenza fl-ismijiet **Peter Paul Cachia vs Noel Cefai *noe,*** (Rik Maħluf 1247/2011) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-8 ta' Marzu 2024 (mhux appellata). Hekk ukoll, wieħed huwa mistieden jara dak raġunat fis-sentenza fl-ismijiet **Carmelo *sive* Charles Foca *et* vs Lawrence Persico,** (Rik Ġur Nru: 1241/19) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-1 ta' Ġunju 2023 (mhux appellata).

[6] Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Richard Attard *et* vs Mark Anthony Barbara,** (Rik Nru: 1116/2016/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-11 ta' April 2024. Hija wkoll ta' interess s-sentenza fl-ismijiet **Maria Stella Calleja vs Brian Degiorgio,** (Rik Nru: 691/14/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-17 ta' Marzu 2022.

Illi mix-xhieda imressqa mid-direttur tas-soċjetà attriċi jirriżulta ampjament ċar li s-soċjetà konvenuta naqset milli twettaq il-pagamenti dovuti. Fil-fatt, għad lis-soċjetà konvenuta għamlet xi pagamenti, hija naqset milli tkompli bl-istess u għalhekk tinsab hekk moruża. Huwa aċċettat li kull pagament jippreżumi dejn[7]. Fil-veritá mill-iskambju ta' korrispondenza elettronika jirriżulta li s-soċjetà konvenuta aċċettat d-debitu[8], liema dokumentazzjoni għandha tingħata applikazzjoni għal dak li jrid l-artikolu 632(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta[9]. L-istess jingħad għal-applikabilitá tal-artikolu 693 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta[10], magħdud f'dan il-każ, ma dak li jrid l-artikolu 694 tal-istess Kapitolu[11].

Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas l-ammont ta' ħamest elef u mitt Ewro (€5,100) bl-imgħax legali mis-6 ta' Marzu 2024[12] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu fl-intier tagħhom mis-soċjetà konvenuta.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur

---

[7] Artikolu 1147(1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
[8] Ara Dok RV1 a fol 63 *et seq* tal-proċess.
[9] Dan l-artikolu jgħid hekk: *Kull dikjarazzjoni magħmula mill-parti kontra tagħha nfisha, u kull kitba oħra li jkun fiha konfessjonijiet, konvenzjonijie tjew obbligi, jistgħu jinġiebu bi prova.*
[10] Dan l-artikolu jgħid hekk: *Kull ammissjoni ta' fatt, sew bil-miktub kemm bil-fomm, magħmula fil-qorti kemm barra mill-qorti, tista' tittieħed bħala prova kontra l-parti li tagħmilha.*
[11] Dan l-artikolu jgħid hekk: *L-ammissjoni magħmula barra mill-qorti ma tagħmilx prova ħlief kontra l-parti li tagħmilha.*
[12] Data tat-tressieq ta' dawn il-proċeduri.